# MA' DIK LI ĠEJJA MILL-BOGĦOD

*Ta'* JOE MEJLAK

Fil-klassi kien hemm skiet perfett. Waqt il-lezzjoni tar-Reliġjon l-għalliema kienet qed tgħid lit-tfal:

"U r-raba' wieħed: Weġġaħ 'il missierek u 'l ommok!" Bilkemm laħqet spiċċat dal-kliem li ma nqalgħux xi ħsejjes . . . imbagħad sikta mill-ġdid. X'kien ġara? Waħda mill-istudenti, Jane Simms, tfajla ta' xi tlittax-il sena, ħasset rasha ddur biha u ntelqet fuq il-bank.

Miss Bridges ġriet għal fuq it-tifla, wiżnitha minn taħt spallejha u ħarġitha barra.

L-għada, l-għalliema sejħet lil Jane f'kamritha, u staqsietha:

"X'kien dak li ġralek ilbieraħ, Jane, f'daqqa waħda?"

It-tifla nfixlet, ma kenitx taf kif kellha twieġeb. Infexxet tibki, u fost l-ilfiq wieġbet:

"Ma nistax . . . ma nistax . . . " u tħaddnet ma' Miss Bridges, li kif ratha hekk qaltilha:

"Ma tistax tgħidli x'għandek? Jane! Inti l-aħjar studentessa li għandi! M'għandekx fiduċja fija? Ma tħobbnix?"

Lit-tifla qabadha s-sulluzzu, u ma setgħetx tlissen l-kliem sewwa.

"Mhux hekk, mhux hekk", kompliet tgħidilha; "Ikkalma!"

Bi ftit kliem ieħor, li niżel bħal balzmu fil-qalb ta' Jane, Miss Bridges rnexxielha tipplaka lit-tifla.

"Dak li għandi ġewwa fija, f'qalbi, huwa tal-biża'; jissupera l-forzi tiegħi. Ma nistax nirbaħ dil-mibegħda . . . ma nistax nirreżistiha . . . Impossibbli li nħobb u nirrispetta iżjed lill-papà!"

"X'inti tgħid Jane?!" għajtet mistagħġba Miss Bridges. "Mela qed tiġġennen!"

"Le, taħsibx li jien tifla ħażina. Ħabbejtu daqs kemm ħabbejt lill-mamà. Farraġtu kif stajt meta sfajna weħidna. Sabbartu meta kien imdejjaq. Tlabna għall-mamà flimkien, qalb waħda. Qsamna ma' xulxin il-ferħ u n-niket. Imma issa le . . . issa le. Minn meta raġa' ġie mill-Amerika, wara l-ewwel vjaġġ tiegħu xi tliet snin ilu, deherli li ħalla mħabbtu hemm isfel. Ma bqajniex immorru iżjed iċċimiterju. Ma morniex iżjed għand tal-fjuri, nagħżlu flimkien bukkett sabiħ għall-mamà. U hu . . . hu frisk bħal warda. Qatt ma ta każ tiegħi iżjed. Kien iħallini man-nanniet għal żmien twil bla ma jiġi jarani. M'għadux iħobbni iżjed . . . " u hawn l-imsejkna tifla reġgħet infexxet tibki.

"Ma jistax ikun li l-papà ma jħobbokx, m'għadux jagħti każ tiegħek", ippruvat tikkonslaha Miss Bridges.

"Hekk hu, Miss; hekk hu. Hemm isfel tbiddel għal kollox. Il-papà ħalla mħabbtu kollha fl-ibgħad tal-Amerika; u mħabba għalija ma baqagħlux iżjed. Issa spiċċa kollox: ftit ġranet oħra jarġa' jiġi minn hemm b'mara miegħu — martu! Stranġiera! Kif nista' nħobb-ha? Kif nista' nsejħilha 'mamà'? Le . . . le ma jistax ikun. Jiena nobgħodha . . . nobgħodha minn issa meta għadni anqas rajtha, meta għadha anqas biss ħadet post il-mamà. Mara sabiħa, sabiħa ħafna. Rajtha fir-ritratt li l-papà bagħat lin-nanniet. Qalilhom li mara tajba u tħobbni ħafna. Iżda jiena ma nistax inħobbha . . . ma nistax ngħix magħha".

Tant kienet imdejqa Jane, li l-vuċi saret maħnuqa u baxxa. Intelqet f'idejn Miss Bridges tibki xortiha. Miss Bridges ħallietha għal ftit ħin tisfoga, imbagħad:

"Jane, inti għad għandek tlittax-il sena u trid tobgħod, trid tgħid kontra ħaddieħor, trid tiġġudika. Għandek tkun taf li fuqna hemm Alla biex jiġġudika. Int ma tistax u m'għandekx tiġġudika dak li għamel il-papà. Int għadek żgħira u ma taf xejn fuq id-dinja. Ismagħni, Jane. Inti kellek mamà li kienet tħobbok u li inti kont tħobb. Iżda jiena la kelli mamà, la papà, u lanqas dar li stajt insejjaħ tiegħi. Jiena ġejt abbandunata dritt. Rabbewni bħal binthom, u ssakrifikaw ruħhom biex jedukawni. Min kienu l-ġenituri tiegħi? Qatt ma wasalt biex insir naf. Ma nafx x'nagħti biex narahom! Matul is-snin ta' ħajti, li huma twal u ta' dwejjaq, jiena irrispettajt bi sħiħ il-mara li rabbietni, u li għamlet miegħi dak kollu li setgħet. Dil-bniedma stranġiera, li se tiġi hawn biex tieħu ħsiebek, għandha ssib kull ko-operazzjoni u mħabba minn għandek. Imsejkna li hi, se tħalli 'l pajjiżha, lill-familja tagħha minħabba fik. Għalhekk, kif tista' ma tħobbhiex? Meta tiġi hawn, inti għandek tgħallimha titħaddet bi lsienna, tgħallimha kliem li jista' jagħmilkom ferħanin it-tlieta li tkunu. Għalkemm minn art barranija, għandha qalb li taf tħobb, issofri, u tifraħ bħal ta' kull maħluq ieħor. Għalhekk, inti għandek tilqa' 'l dil-mara, li ġejja mill-bogħod biex tgħixu flimkien, b'im-ħabba kbira u sinċiera, u b'idejk miftuħa beraħ".

Issa kienet il-vuċi ta' Miss Bridges li nħanqet u tbaxxiet.

* * *

Jane Simms kienet fis-salott tad-dar tagħha, liebsa l-abjad, mixruba, bil-qiegħda ħdejn l-għalliema tagħha. In-nanniet kienu marru l-istazzjon biex jilqgħu lil binhom u lill-mara l-ġdida tiegħu. Jane baqgħet id-dar, ma xtaqitx tmur. Kienet qagħdet tistenniehom id-dar. X'se jgħid issa missierha għal dan l-egħmil tagħha?

Fl-aħħar instama' ħoss ta' karrozza tieqaf quddiem il-bieb. Taħlita ta' kliem. Waslu! Jane qamet bil-wieqfa, ħadet f'idejha l-bukkett tal-fjuri, u qagħdet tistenna b'riġlejha jirtogħdu.

Infetaħ il-bieb tas-salott, u fost dawk li daħlu kien hemm mara żagħżugħa, bjonda, għajnejn koħol nir. Kif rat lit-tifla, waqfet. Wara spallejn il-mara kien hemm il-missier, in-nanniet, iżda Jane ħarset biss lejn dawk l-għajnejn koħol, jibru bid-dmugħ.

It-tifla semgħet min ikellimha b'leħen baxx. Kienet Miss Bridges, dik l-abbandunata u miġbura minn erwieħ twajba.

Issa setgħet titkellem, iżda ma qalitx ħlief kelma waħda, kbira, tal-għaġeb, kelma li ġegħlitha tersaq lejn dik il-mara li għall-bidu ħasbet li se tobgħod:

"Mamà!" u ġriet għal fuq il-mara.

L-istranġiera, li ċċaħħdet minn bosta ħwejjeġ biex marret għal missjoni ġdida f'art oħra, għafset lil Jane ma' qalbha, fil-waqt li b'leħen miksur qaltilha:

"Għażiża Jane, ċkejkna tiegħi!" — kliem li t-tifla ma fehmitx... iżda kienet taf li kienu kliem ta' mħabba!